MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2012

Numru 46/2012

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Maximilian Ciantar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 75690 (M), akkuzat talli fit-3 ta’ Frar, 2012 u fil-jiem ta’ qabel:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

(b) kkommetta reat waqt li kien that l-Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr J Padovani LL.D. nhar it-23 ta' Settembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

(c) sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li nghata zmien biex jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Fuq l-iskora tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ssibu hati.

Rat l-Artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap 101, l-Artikolu 23 tal-Kap 446, l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9

Tikkundannah tmien mitt Euro (800) multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------